MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2010

Appell Kriminali Numru. 43/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Louis Ronayne**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Louis Ronayne talli (flimkien ma' persuni ohra) fil-perijodu ta' bejn it-30 ta' Settembru 2007 u gimghat qabel din id-data, b'diversi atti wkoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

(1) f'Wied il-Ghajn, mil-lok maghruf bhala "Ir-Razzett tal-Hbiberija", ikkommetta serq ta' annimali diversi, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur li jeccedi

l-elf lira Maltin, u sar ghad-dannu tad-dirigenti tar-“Razzett tal-Hbiberija” u/jew persuni ohra;

(2) fl-istess perijodu ta’ zmien, f’diversi bnadi f’dawn il-Gzejjer, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

(3) fl-istess zminijiet, hinijiet u cirkostanzi, fl-inhawi ta’ Wied il-Ghajn, bhala l-persuna li zamm jew qabel li jzomm xi annimali, gieghel lill-istess annimali jsofru ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn;

(4) fl-istess zminijiet, hinijiet u cirkostanzi, fir-“Razzett tal-Hbiberija” f’Wied il-Ghajn, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara hija aktar minn hamsin lira Maltin izda ma tiskorrix il-hames mitt lira Maltin, ghad-dannu tad-dirigenti ta’ l-istess kumpless u/jew persuni ohra;

(5) ikkommetta reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija fil-perijodu operattiv ta’ zewg sentenzi sospizi datati 23 ta’ Gunju 2005 u 26 ta’ April 2006, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

(6) irrenda ruhu recidiv ai termini ta’ l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-3 ta’ Frar 2010 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat la-rtikoli 18, 261(b)(c)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278(1)(2)(3), 279(b), 280(1)(2), 281(a), 325(1)(b), 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 8(2)(3) tal-Kap. 439 tal-Ligijiet ta’ Malta, iddikjarat li t-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imsemmi Louis Ronayne hija alternattiva ghall-ewwel wahda u konsegwentement astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha, izda sabitu hati ta’ l-imputazzjonijiet l-ohra dedotti kontra tieghu u kkundannatu sentejn prigunerija u

multa ta’ elf euro (€1,000) li ghandha tithallas fi zmien sena. Inoltre. B’riferenza ghas-sentenza tat-23 ta’ Gunju 2005 b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, dik il-Qorti ordnat il-bidu fis-sehh tal-perijodu ta’ sentejn prigunerija imposti permezz ta’ dik is-sentenza dedotta u minnha lliberatu; inoltre, b’riferenza ghas-sentenza tas-26 ta’ April 2006, ordnat il-bidu fis-sehh tal-perijodu ta’ sentejn priguenrija imposti permerzz ta’ dik is-sentenza. Fl-ahharnett ikkundnnat lill-imsmemi Louis Ronayne ghall-hlas lir-registratur tal-Qorti tas-somma ta’ mitejn  sitt euro u tmienja u tmenin cenetzmu (€206.88) rapprezentanti terz mill-ispejjez konnessi mal-hatra ta’ l-esperti, u dan fi zmien sitt xhur;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Louis Ronayne pprezentat fil-11 ta’ Frar 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrirofma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn instab hati ta’ l-imputazzjonijiet hekk kif migjuba kontra tieghu, tikkonfermaha fil-parti fejn l-ewwel Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni minhabba li kienet alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni, izda thassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn gie kkundannat sentejn prigunerija effettivi u multa ta’ elf euro (€1,000) kif ukoll fejn b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ malta, dahhlet fis-sehh il-perijodu ta’ sentejn prigunerija imposti permezz ta’ sentenza datata t-23 ta’ Gunju 2005, kif ukoll il-perijodu ta’ sentejn prigunerija imposti permezz ta’ sentenza datata s-26 ta’ April 2006, flimkien mal-kundanna ghall-hlas ta’ l-ispejjez tal-hatra ta’ l-esperti u minflok tinfliggi piena aktar mita u idoneja skond ic-cirkostanzi ta’ dan il-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda ta’ Mariella Camilleri;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Dan huwa appell mill-piena. L-appellant jirreferi ghax-xiehda tas-*senior probation officer* Mariella Camilleri

quddiem l-ewwel Qorti fejn irreferiet ghall-problemi psikologici u psikjatrici li ghandu l-appellant. Jghid li ghandu diversi problemi ta' natura mentali li minhabba fihom qed jiehu medicina li jisimha "fluaxol" li tinghata lil min ikun afflitt minn *schizo-effective disorders*. Huwa kien ta' sikwit jonqos milli jiehu l-medicina peress illi meta jehodha kien ihossu bin-nghas, tibda ddejqu u anke tikkawzalu r-roghda u b'hekk timpedieh milli jmur ghax-xoghol, li huwa fil-kostruzzjoni. Jirreferi wkoll ghal dak li qalet Mariella Camilleri dwar il-livell baxx ta' komunikazzjoni li ghandu, u dwar kif minn meta bdiet tarah kien hemm kambjament ghall-ahjar. Skond l-appellant ghalhekk l-ewwel Qorti ma kellha qatt tinfliggi piena karcerarja effettiva. Huwa qieghed fit-triq it-tajba li jirriforma ruhu. Piena karcerarja ma tippermettilux ikompli din it-triq. Barra minn hekk huwa missier ta' tlitt itfal. Huwa jixtieq jghix hajja stabbli mal-familja tieghu u jahdem biex ikollu l-hin okkupat kif suppost. Ghalhekk jissottometti li ghandu jinghata cans ahhari mill-Qorti fid-dawl anke tal-fatt li zamm ruhu nadif u barra mill-inkwiet fl-ahhar sentejn. Skond l-appellant, ir-reati mertu ta' dan l-appell huma solitament punibbli bi prigunerija sospiza.

Issa, in materja ta' piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[1].

L-ewwelnett, peress illi l-ewwel Qorti kkundannat lill-appellant ukoll ghall-hlas ta' multa ta' elf euro (€1,000), jidher li din il-multa giet inflitta ghar-reat bi ksur ta' l-artikolu 8(2)(3) tal-Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta. Difatti skond l-artikolu 45 ta' dik il-ligi, il-piena ghal min jikser id-disposizzjonijiet tal-Kap. 439 hija multa ta' mhux inqas minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94) izda mhux aktar minn sitta u erbghin elf u hames mija u sebgha u tmenin euro u sebgha u

[1] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

erbghin centezmu (46,587.47), jew prigunerija ghal perijodu ta’ mhux izjed minn sena, jew dik il-multa u l-prigunerija flimkien. Ghalhekk il-piena ta’ prigunerija nflitta tirrigwarda l-ewwel imputazzjoni u r-raba’ imputazzjoni li hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni (ghalkemm dan ma giex indikat mill-ewwel Qorti). Il-piena f’dar-rigward hi dik ta’ prigunerija minn tlettax-il xahar sa seba’ snin. Stante li hawn si trattava ta’ reat kontinwat, il-piena tista’ tizdied bi grad jew zewg gradi a tenur ta’ l-artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijet ta’ Malta. Jigifieri jekk tizdied bi grad il-piena titla’ ghal prigunerija minn tmintax-il xahar sa tnax-il sena u jekk b’zewg gradi minn sentejn sa ghoxrin sena Il-piena mbaghad tista’ tibqa’ tiela bi grad iehor minhabba r-recidiva, u cioe` ghal prigunerija minn tliet snin sa tletin sena. Jigifieri m’hemmx dubju illi l-piena nflitta mill-ewwel Qorti ta’ sentejn prigunerija taqa’ sew fil-parametri tal-ligi.

L-appellant jipprova jissuggerixxi li kelha tinghat sentenza sospiza ta’ prigunerija. Dan huwa prekluz mil-ligi stess. Difatti, l-appellant instab hati li hu recidiv anke a tenur ta’ l-artikolu 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Skond l-artikolu 28A (7) ta’ l-istess Kap. 9, ordni bis-sahha tas-subartikolu (1) ta’ l-artikolu 28A biex sentenza ta’ prigunerija tigi sospiza “ma ghandux isir”: “(b) meta l-ikkundannat ikun recidiv fit-termini ta’ l-artikolu 50”.

Issa, bhalma sar quddiem l-ewwel Qorti, din il-Qorti semghet ix-xiehda tas-*senior probation officer* Mariella Camilleri li regghet spjegat il-problemi li ghandu l-appellant u kif huwa essenzjali li dan jibqa’ f’kuntatt ma’ psikjatra, u jibqa’ jiehu l-medicina “fluaxol”. Spjegat ukoll kif minn meta bdiet tarah, ghamel “progress enormi”, attenda regolarment is-sessjonjiet maghha, u giet stabbilita relazzjoni professjonali adegwata. Hija rrakkomandat ghalhekk li ghandu jibqa’ ghaddej b’element ta’ supervizjoni.

Fl-ghoti tal-piena l-Qorti trid tipprova zzomm bilanc bejn dak li hu fl-interess tal-hati u dak li hu fl-interess tas-socjeta`. Trid tipprova zzomm bilanc bejn l-aspett retributtiv, l-aspett deterrent u l-aspett rijabilitattiv tal-piena. Minn banda, u kif osservat l-ewwel Qorti, hemm il-

fatt li l-appellant diga` nghata zewg opportunitajiet biex jirriforma ruhu permezz ta’ sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tat-23 ta’ Gunju 2005 fejn inghata sentenza sospiza ta’ prigunerija b’ordni ta’ supervizjoni, kif ukoll sentenza ohra sospiza ta’ prigunerija mill-Qorti tal-Magistrati fis-26 ta’ April 2006 fejn ukoll inghata ordni ta’ supervizjoni. X’sar mill-ewwel ordni ta’ supervizjoni din il-Qorti ma gietx mgharrfa. Dwar it-tieni ordni, pero`, irrizulta mix-xiehda ta’ Mariella Camilleri li l-inkartament necessarju wasal fl-ufficcju tal-*probation* fil-15 ta’ Marzu 2007 (ftit anqas minn sena wara). Inoltre, bhalma spjegat din ix-xhud, minhabba l-limitazzjonijiet tal-fakultajiet mentali ta’ l-appellant, damet biex setghet tidentifika l-problemi tieghu u tistabilixxi relazzjoni professjonali mieghu. Mill-banda l-ohra, l-appellant mhuwiex priv mill-fakoltajiet mentali. Ma jirrizultax illi dak li ghamel m’ghamlux bi pjena konoxxenza ta’ dak li kien qieghed jaghmel. U mhux talli hekk talli dahal erba’ darbiet flimkien ma’ persuni ohra fil-fond derubat, ghalkemm skond l-istqarrija tieghu r-raba’ darba ma hadu xejn. Barra minn hekk ir-reat ta’ serq huwa reat serju li jirrikjedi piena adegwata.

Ghalhekk din il-Qorti, sabiex kemm jista’ jkun jinzamm il-bilanc mehtieg kif fuq spjegat, sejra tikkonferma s-sentenza ta’ sentejn prigunerija dwar ir-reati li taw lok ghal dawn il-proceduri, sejra wkoll tikkonferma l-ordni biex is-sentenza sospiza ta’ prigunerija moghtija bis-sentenza tat-23 ta’ Gunju 2005 tigi fis-sehh u dan stante li dik is-sentenza kienet ukoll tirrigwarda kazijiet ta’ serq, izda sejra testendi l-perijodu operattiv tas-sentenza sospiza ta’ prigunerija u ordni ta’ supervizjoni relattiva moghtijin bis-sentenza tas-26 ta’ April 2006 sabiex mhux biss ikun hemm kontinwita` ta’ supervizjoni waqt li l-appellant ikun qieghed iservi l-perijodu relattiv ta’ prigunerija, izda anke wara li jiskonta tali perijodu.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata in kwantu tirrigwarda biss lill-appellant Louis Ronayne, u dan billi tirrevokaha in kwantu bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta gabet fis-sehh is-sentenza ta’

sentejn prigunerija imposti permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-26 ta’ April 2006, u minflok, a tenur ta’ l-artikolu 28B(2)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u ghar-ragunijiet kollha suesposti, tbiddel il-perijodu operattiv originali b’perijodu iehor ta’ erba’ snin li jibda jiddekorri millum, u, tissostitwixxi l-ordni originali ta’ supervizjoni bl-ordni hawn anness, liema ordni ta’ supervizjoni ghandu jibqa’ fis-sehh ghall-perijodu operattiv kollu ta’ erba’ snin; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------